# M I N U T I

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 53**

11 t' Ottubru 2018

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana, fil-5.00 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Is-Sur Vince Borg | ( VB ) | V/Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Grech Sant | (AGS) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |

SKUŻAT:-
0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

M' Lourdes Lautier — Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

Is-Sindku DSH ppresediet il-laqgħa.

### 53.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

53.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**Nota: 17:10 daħal il-Kunsillier JAE għal-laqgħa**

### 53.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

53.2.1 Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tat-tnejn u ħamsin laqgħa (52) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

53.2.2 Il-Viċi Sindku VB ressaq korrezzjoni ta' materja nru 52.2.5 li għandha taqra 'kienu skużati' u mhux 'assenti'.

53.2.3 Il-Viċi Sindku VB ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier JAE favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (VB, JAE, DSH, AGS)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 53.3 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

### 53.3.1 VENDING MACHINE TAL-ILMA TAX-XORB

Is-Sindku DSH semmiet korrispondenza li rċeviet mingħand kumpanija li tipprovdi ilma minn stand li tkun tista titwaqqaf f' toroq jew f'Housing Estates, fejn ilma jiġi jiswa 15-il ċenteżmu l-litru. L-għan ta' din hi li jitnaqqas l-użu ta' fliexken tal-plastik u li għalhekk hi inċentiv favur l-ambjent.
Il-Kunsill jipprovdi servizz ta' ilma u dawl u l-kumpanija tipprovdi l-magni, it-tiswijiet u l-manutenzjoni, tindif u dak li jkun hemm bżonn. Lill-Kunsill ma jkun tiswih xejn. Dawn ġia ġew stallati tas-Sliema u Ta' Xbiex u ntlaqgħu ħafna minn nies.

**<u>Nota: 17:15 daħal il-Kunsillier AD għal-laqgħa</u>**

Issuġeriet li din tkun idejali u tkun idejali partikolarment għat-tfal sabiex jitrawmu jibżgħu għal-ambjent. Il-Kunsill ikun jista jissponserja flixken sodi tal-ilma li jservu tul ta' żmien fuq liema fliexken ikun hemm stampat il-*logo* tal-Kunsill.
Il-Membri preżenti lkoll qabblu ma' din l-ideja u għalhekk ser tiġi diskussa mad-diriġenti tal-iskola primarja.

## 53.4 RAPPORTI

53.4.1 Ma kien hemm l-ebda rapport.

## 53.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

### 53.5.1 PRESS CONFERENCE – ĠENNA TA' ĠONNA

Is-Sindku DSH irreferit għal *press conference* li saret rigward Ġenna ta' Ġonna partikolarment kif ġiet interpretata mill-istazzjon NET. Semmiet kemm tħossa urtata għal mod kif interpretaw l-attività fejn taw x' wieħed jifhem li l-attività kienet organiżżata bil-ħila tal-Kunsillier JAE biss, meta wieħed iqis li hi stess hija wkoll responsabbli mill-attivajiet miegħu u ma ssemma assolutament xejn dwar l-istaff li hemm jaħdem bi sħiħ minn wara l-kwinti. Qabel magħha l-Viċi Sindku VB filwaqt li Kunsillier JAE stqarr li ma kienx hu li tella dan il-*feature* fuq in-NET.

### 53.5.2 LAQGĦA MAL- ONOREVOLI MINISTRU DR MICHAEL FARRUGIA

Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienitx intbagħatet tfakkira għall- appunatament mitlub mal-Onorevoli Dr Michael Farrugia rigward il-*cladding* użat mal-Bażi Marittima tal-Forzi Armati ta' Malta.
Ġie konfermat li din kienet inbagħtet.

### 53.5.3 STAND GĦALL-KUNSILL FIL-WATERFRONT

Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm żvilupp dwar din l-istand.
Is-Sindku DSH qalet li kienet qed tistenna risposta minn għand il-VISET.

### 53.5.4 TABELLA TAL-LOKALITÀ MAT-TELGĦA TA' SA MAISON

Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm żvilupp dwar din it-tabella.
Is-Segretarju Eżekuttiv informatu li din instabet għand il-kuntrattur li ħadem f' din it-triq u li intant ġiet irranġata u twaħħlet f' posta.

### 53.5.5 ZEBRA CROSSING FI TRIQ ĠILORMU CASSAR

Il-Kunsillier AGS irrimarka li għandu jsir kuntatt ma' Transport Malta fejn jiġi rrapurtat li l-żebra crossing li hemm fi Triq Ġilormu Cassar trid tersaq il-fuq madwar 10 metri għax fejn hi hemm periklu peress li tinsab wisq qrib il-kisra.

**53.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTOKUMITATI;**

53.6.1 Ma kienx hemm rapporti ta' laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati.

**53.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

Is-Sindku DSH spjegat li l-iskeda ta' pagamenti ma setgħetx tiġi ċċirkolata u preżentata għal din il-laqgħa kaġun ta' ħsara teknika fil-komputer li jissaportja is-sistema tas-SAGE.
Din ser tiġi ppreżentat hekk kif jiġi stallat komputer ġdid bis-sistema tas-SAGE.
Għandu jiġi nfurmat id-Direttur tal-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar din il-problema.

**53.8 MOZZJONIJIET**

Ma kienx hemm mozzjonijiet.

**53.9 OFFERTI PUBBLIĊI**

53.9.1 Tressqet kwotazjoni għal xiri ta' jigger żgħir u għall-sellum li ġew approvati mill-Kunsill.

53.9.2 Rigward il-kwotazzjoni għal-internet għall-kameras, kumpanija waħda biss kella sistema addatata għal-kameras ta' barra.

53.9.3 Intanat pero' il-Kunsill għadu qed jistenna kwotazzjoni għall-kamera fi Triq il-Mall u ser issir deċiżjoni meta jkun hemm l-informazzjoni u kwotazzjonijiet kollha.

53.9.4 Rigward il-kamera fi Triq Sant' Anna, il-Kunsill ser jitlob laqgħaq mal-entità li ser ikollha din il-kamera stallata fuq il-bejt tagħha, rigward is-servizz tal-internet u s-*supply* tad-dawl.

53.9.5 Il-Kunsill ġie nfurmat li fir-rigward ix-xiri tal-komputer ġdid tas-Segretarju Eżekuttiv, kellu xorta jinxtara miegħu Windows 10 Pro Software u l-liċenzja peress li daż-żmien dawn jiġu ntegrati mall-ewwel u li għalhekk ma setgħax jinxtara mingħajrhom. Il-Kunsill approva x-xiri ta' dan l-apparat.

53.9.6 Ma' kienx hemm appell fir-rigward it-tender tal-ġbir tal-iskart mhux riċilabbli li għalhekk ser jingħata lill-offerent li s-sottometta t-tieni l-orħos offerta.

53.9.7 Intant għaddej il-perjodu tal-appell in kwantu tat-tender tat-tiswija tat-toroq u tal-konċessjoni tal-gabbana fil-Ġnien Re George V.

53.9.8 Il-bord tal-aġġudikazzjoni ressaq ir-rapport tar-rikomandazzjoni relattiv għat-tender tas-Soft Areas, fejn rrikmandaw li jingħata lill-offerent 99159 peress li kien konformi kif mitlub fit-tender iżda kkwota l-għola prezz peress li l-orħos offerent 98470 ma' kienx konformi teknikament.
Il-Kunsill approva li dan it-tender jingħata lill-offerent 99159.

**53.10 KORRISPONDENZA**

53.10.1 **BANKINA PJAZZA SAN KALCEDONIO**

Il-Kunsill reġa rċieva korrispondenza mingħand il-Kummissjoni għad-Dritijiet ta' Persuni d' Disabilità rigward din il-bankina fejn intqal li l-bankina ma kienitx wiesgħa biżżejjed biex jgħaddi siġġu tar-roti peress li jkun hemm karozzi li jipparkjaw il-ġewwa mill-bankina.
Ġie nnotat li r-ritratti mibgħuta wrew il-kejl kien qed jiġi meħud mill-uffiċċjali tagħhom minn fejn hemm it-tabella ta' ħanut fuq l-istess bankina sa bumpers tal-karozzi l-ġewwa mill-bankina.
Pero' l-Kunsill ħa l-inkarigu li jkejjel kuljum din il-bankina fejn m'hemmx l-imsemmija tabella u vverifika li hi wiesa biżżejjed biex jgħaddi siġġu tar-roti mingħajr xkiel peress li hemm aktar minn 1.2m clearance.

Ġie nnotat li fejn il-Kunsill stalla barriers fit-triq, dawn xorta qed jitrikbu mill-karozzi; għalhekk il-Kunsill ma qabilx li għandom jitwaħħlu aktar minn dawn.
Għalhekk il-membri preżenti reġgħu qablu li CRPD għanda tikkuntatjatta l-awtoritajiet responsabbli minn dawn it-tabelli.
Il-membri kollha qabblu unanimament li mhux ser jistalla bollards fuq din il-bankina.

**<u>Nota: 17:38 Il-Kunsillier AD talab li jkun skużat.</u>**

53.10.2 **PROPOSTA TA' JUSTIN HABER – GRAWND TAL-FUTBALL**

Il-Membri preżenti ikkunsiddraw proposta li ssottometta is-Sur Justin Haber fl-20 ta' Settembru 2018 fir-rigward tal-grawnd tal-futball li hemm fil-Ġnien Re George V fejn semma li kien lest li jinvesti flimkien ma' kumpanija oħra, grawnd tal-futball fuq standards tal-FIFA, bil-kundizzjoni li jkun jista' jagħmel użu b' xejn miż-żewġ grawnds li hem, għal għaxar snin. Propona li jisponserja 2 scholarships għal tfal mill-Floriana u jikkunsidra wkoll xi rikjesti li jista' jagħmel il-Kunsill jekk ikun irid jagħmel użu minnhom.
Il-Membri preżenti ikkunsidraw li din hija art pubblika li għalhekk tkun tista' tiġi allokata biss wara sejħa pubblika u allura l-Kunsill m' aċċettax din il-proposta.

53.10.3 **PROPOSTA TA' CLINT BAJADA U KENNETH VELLA – ST PATRICK'S DAY 2019**

Il-Kunsill irċieva proposta mingħand is-Sur Clint Bajada u s-Sur Kenneth Vella sabiex ikun jista' jiġi organiżżat festival nhar il-festa ta' San Patrizju (St Patrick's Day) ċioe' fis-17 ta' Marzu 2019 fuq il-Fosos.
Il-Membri preżenti kkunsidraw li din iċ-ċelebrazzjoni hi marbuta tradizzjonalment u storikament li tinżamm fiż-żona ta' Balzunetta. Barra minn hekk, kienu ġia kommessi mal- klabb tal-Ajax peress li kienu saru xi laqgħat.
Għalhekk il-Kunsill ma aċċettax din il-proposta.

53.10.4 **TNEDIJA TA' RUMANZ STORIKU DWAR ROSALIA MONTMASSON**

Dr Simon Mercieca kien ikkomunika mal-Kunsill peress li kien ser jiġi publikat rumanz storiku dwar il-ħajja ta' Rosalia Montmasson mart il-Prim Ministru Taljan Francesco Crispi li kienu żżewġu fil-Floriana.
It-tnedija ta' dan ir-rumanz ser isir għand l-Eċċelenza Tagħha, l-President ta' Malta, fejn l-awtriċi, Maria Attanasio, ser tiġi apposta biex tippreżentah.
Il-Kunsill aċċetta l-istedina biex ikun peżenti għal din l-okkażżjoni.

53.10.5 **L-IMMANIĠJAR TAL-ISKART FIL-FLORIANA**

Wara li kienu saru laqgħat u taħdidiet dwar is-sistema l-ġdida tal-ġbir tal-iskart b'enfasi partikolari fuq ir-riċiklaġġ, il-membri preżenti kellhom jikkunsidraw il-proposta tal-iskeda preżentata minn Wasteserv.
Waslu għal konklużżjoni li nhar ta' Tnejn tinġabar il-borża bi skart organiku, it-Tlieta tar-riċiklaġġ, l-Erbgħa dik bi skart organiku, il-Ħamis tinġabar il-borża s-sewda, il-Ġimgħa jinġabru dik bi skart organiku kif ukoll tar-riċiklaġġ, u s-Sibt tinġabar il-borża s-sewda.
Il-ħġieġ jiġabar kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar.
Wasteserv mhiex ser tawtorizza l-ebda ġbir ta' skart nhar ta' Ħadd ma' Malta kollha.
Il-membri preżenti rrimarkaw li l-promozzjoni minn Wasteserv hija ineżistenti s' issa meta wieħed iqis li din ser tiġi fis-seħħ fil-31 t' Ottubru 2018.
Fil-Floriana l-impatt ser jinħass sew partikolarment għaliex mhux ser isir ġbir il-Ħadd kif inhuma mdorrija r-residenti sal-lum.
Il-poplu għadu ma ngħatax biżżejjed pariri u żmien biex jaddata ma' din l-iskeda filwaqt li jekk mhux ser ikun hemm infurzar adekwat żgur li ser ikun hemm akkumulazzjoni ta' skart, partikolarment jekk ikun hemm min joħroġ borża li ma tkunx ser inġabar dakinhar.
Ġie nnotat li l-boroż li jinħarġu wara l-ġbir aktarx ikun nħarġu minn ħassiela tad-djar u/jew minn impjegati ta' uffiċini.

53.10.6 **DONAZZJONI TA' STATWA**

Il-Kunsillier JAE informa l-Kunsill li resident xtaqet tgħati lill-Kunsill statwa antika tal-injam.

Il-membri preżenti ġew murija ritratt ta' din l-istatwa u qabblu li jaċċettawha.

53.10.7 **NATIONAL CAR SHARING PROJECT**

Il-Kunsill iddiskuta korrispondenza mill-Assoċċjozzjoni tal-Kunsilli Lokali - Ċir AKL 2018/123 – rigward proġett innovattiv biex jgħin fit-trażżin ta' numru kbir ta' karozzi jfittxu *parking* u dan billi wieħed 'jikri' karozza għal-ftit ħin u li jkun jista jipparkja f' postijiet allokati apposta għalihom biss.

Pero' dawn il-*parking bays* ġew stallati mingħajr konsultazzjoni mal-Kunsill , u li wħud minnhom kienu ser jaffettwaw direttament lir-residenti, partikolarment dawk fi Triq Sant' Anna u Pjazza San Kalċidonju.

Filwaqt li l-Kunsill jappoġġja din l-inizzjattiva, jirrikomanda li dawk f' inħawi residenzjai jitneħħew u jiġu rilokati f' inħawi aktar idejali bħal fil-Foss ta' Notre Dame, Triq Emvin Cremona, mal-Waterfront u f' *car parks* fil-Floriana li jappartjenu lil Transport Malta.

53.10.8 **HERITAGE TRAIL**

L-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali stiednet dawk il-Kunsilli li għandhom Heritage Trail sabiex jissieħbu u jipparteċipaw fi proġett Ewropew fejn ser jiġu kkuntatjati u jattendu laqgħat organiżżati minn esperti barranin.

Il-membri preżenti qabblu li jipparteċipaw f' din is-sejħa.

**53.11** **3RD QUARTER FINANCIAL STATEMENTS**

Dan ir-rapport ma setax jiġi preżentat għal din il-laqgħa kaġun ta' ħsara teknika fil-komputer li jissaportja s-sistema tas-SAGE.

Dan ser jiġi ppreżentat hekk kif jiġi stallat komputer ġdid bis-sistema tas-SAGE.

Għandu jiġi nfurmat id-Direttur tal-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar din il-problema.

**53.12** **ĠENNA TA' ĠONNA**

Hekk kif waslet din l-attivita', il-Kunsill ikkunsidra r-rapport tat-temp li jidher li mhux ser ikun ħanin. Għalhekk ġie suġġerit li xi stands li ser ikunu fl-apert, ikunu jistgħu jirrilokaw taħt il-loġoġ jekk ikun maltemp.

Is-Sindku DSH rrimarkat li avżat lil tal-ħwienet tal-ikel biex kemm jista' jkun juzaw tazzi, platti u straws li jkunu riċikabbli. Intant mhux ser jintużaw bżieżaq hekk kif il-Kunsill kien iffirma ftehim mal-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex waqt attivitajiet ikollu rwol attiv li jiskoraġixxi l-użu tal-bżieżaq biex jitnaqqas l-effett negattiv fuq l-ambjent.

**53.13** **PROĠETT TAL-ĠNIEN RE GEORGE V**

Is-Sindku DSH infurmat lill-membri preżenti li l-proċess miexi sew għand l-Awtorita' tal-Ippjanar u li l-Kunsill jinsab ipreparat biex hekk kif jiġi approvat il-proġett joħorġu t-tenders relattivi.

**53.14** **PROĠETT INFRASTRUTTURA MALTA**

Is-Sindku DSH infurmat lill-membri preżenti li l-Ministru responsabbli għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, l-Onorevoli Perit Ian Borg, għarrafha li lejn Jannar li ġej kien ser isir tarmak fi Triq San Franġisk, Triq il-Kapuċċini u Triq V Dimech u li Transport Malta ġià għandha l-permessi relattivi lesti.

**53.15** **FESTIVAL TAL-LOGĦOB TAN-NAR TAL-ART MEKKANIŻŻAT**

53.15.1 Wara li l-Malta Tourism Authority kienet uriet interess u nżammu laqgħat, sa mill-bidu tas-sena biex tikkolabora mal-Kunsill fl-orgniżżazzjoni ta' dan il-Festival.

Intant is-Sindku DSH rreferiet għal-laqgħa miżmuma mill-Kunsill mal-MTA fit-18 ta' Settembru 2018, fejn kien ġie miftiehem li għas-sena d-dieħla il-festival jiġi organiżżat konġuntivament biex b'hekk il-Kunsill ser jifranka ħafna flus bil-kontribut tal-MTA. Barra minn hekk il-festival ser jiġi reklamat estensivament bis-saħħa tal-MTA.

53.15.1 (cont.)

Ġie kalkulat li mill-inqas jiġu frankati €5000 pero is-SE MLL irrimarkat li għandu jkun hemm sforz akbar biex jiġu frankati aktar flus, possibilment sa nofs l-ipejjeż.
Fil-fatt għanda ssir laqgħa oħra dalwaqt biex jiġu diskussi l-proposti kif miftehema fit-18 ta' Settembru 2018, f' aktar dettal u jitfassal il-kuntratt li ser jiġi preparat għall-parteċipanti.

53.15.2 Intant il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sur Noel Castillo, il-ko-ordinatur tal-edizzjonijiet preċedenti ta' dan il-festival, fejn qed jipproponi li jibdew il-preparamenti għal-festival tas-sena 2019. Għalhekk, għalissa il-Kunsill ser jinforma lis-Sur Castillo li għalissa għad hemm proċess għaddej kif ser jiġi organiżżat il-festival tas-sena 2019 u li se jinfurmah bl-iżviluppi konkreti mill-aktar fis.

**53.16 DWAL TAL-MILIED**

Is-Sindku DSH tkellmet dwar il-laqgħa miżmuma ma' Clint Debono, fejn ġie diskuss u ntwerew it-tiżjin propost għal Triq Sant' Anna għal żmien il-festi tal-Milied, versu l-prezz ta' €2,200 u VAT, liema kwotazzjoni ġiet approvata mill-membri preżenti.

**53.17 ĦARĠA GĦAL GĦAWDEX FI ŻMIEN IL-MILIED**

Is-Sindku DSH ressqet proposta li tiġi organiżżata għar-residenti, ħarġa għal Għawdex fi żmien il-Milied. Hu pjanat li jkun hemm żjara fis-Santwarju ta' Pinu u quddiesa, ikla ta' nofsinhar u aktar tard ikun hemm żjara f' Betlehem f' Għajnsielem.
Il-membri preżenti qabblu li tkun il-Ġimgħa, filwaqt li trid tiġi stabbilita dik id-data li tkun l-aktar idejali.

**53.18 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.**

53.18.1 Il-laqgħa intemmet fis-6:30pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 8 ta' Novembru 2018 fil-5.00pm.

**Konfermati, llum l-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2018.**

*Firmati*
Davina Sammut Hili
Sindku

*Firmati*
M'Lourdes Lautier
Segretarju Eżekuttiv